**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tad-29 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alfredo Mangion)**

**Vs**

**Mario Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Mario Galea, ta' 62 sena, iben Saviour u Virginia xebba Galea, imwieled il-Pieta' nhar it-30 ta' Ottubru 1956 residenti gewwa Gormar, Triq l-Indipendenza, Haz-Zebbug u detentur tal-karta tal-identita' numru 743856M fejn ġie akkużat li:

> *"talli fit-08 ta' Frar 2019 ghall-habta tal-17:30hrs u/jew fil-hinijiet ta' wara, gewwa r-residenza bl-isem Gormar, Triq l-Indipendenza, f' Haz Zebbug u f' dawn il-gzejjer;*
>
> *1) fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-persuna u cioe' ibnu Gerald Galea, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> 2)*garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3)Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil ibnu Gerald Galea b' gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalieh u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4)Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil ibnu Gerald Galea u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.;*

*5)volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil ibnu Gerald Galea kif ukoll il-postijiet li t-tali persuna tiffrekwenta."*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat li kemm Georgina Galea mart l-imputat u Gerald Galea iben l-imputat ghazlu li ma jixhdux fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma jressaqx provi oħra.

Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

**<u>Provi Eżebiti</u>**

Gew ezebiti varji dokumenti konsistenti fil-fedina penali tal-imputat; rifjut tal-assitenza tal-avukat; stqarrija ta' l-imputat li ma gietx iffirmata mill-imputat; u *current incident report*. Il-mus u s-sikkina elevati mill-ufficjali tal-pulizija waqt l-investigazzjoni ta' dan il-kaz gew ezebiti bhala MG6.

Xehed PS 1585 James Weatherhill fis-seduta tad-19 ta' Frar 2019 li spjega dak li gara filwaqt li kkonferma li meta mar fuq il-post, l-imputat kien urieh is-sikkina b' manku abjad involuta fl-incident u li giet imbaghad elevata minnu filwaqt li l-istess imputat qabel ma nghata d-drittijiet tieghu ammetta mieghu li jekk jigi t-tifel fejnu jiskarnah. Xehed ukoll li l-mus kien gie elevat minn fuq il-persuna tal-imputat u li dan il-mus kien fil-but tal-imputat. Spjega li l-mus gie elevat wara li l-imputat ittiehed il-lock up u battal il-bwiet tieghu. L-istess ufficjal tal-pulizija spjega fost ohrajn illi huwa ma kienx prezenti biex jara jekk hux vera li l-imputat hareg is-sikkina ghal ibnu. Spjega wkoll li l-incident beda minhabba karozza pparkjata u li kien gie mkisser siggu.

Gie pprezentat l-affidavit ta' PS 772 Dennis Agius li minnu jirrizulta li l-imputat ghandu licenzja Collector Licence B (to keep) ghal arma tan-nar tal-ghamla Breda bin-numru tas-serje 160334 izda peress li ghandu arretrati ta' EUR 60 x' jithallsu, huwa m' ghandux licenza biex izomm l-arma.

**Ikkunsidrat:**

**<u>L-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet</u>**

Mill-provi miġbura f' dan il-każ, din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputat lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli.

Dana peress li l-parte civile u kif ukoll mart l-imputat ghazlu li ma jixhdux. Dawn kienu l-persuni li kienu xhieda okulari f' dan l-allegat incident. Ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet ma jwasslux lil din il-Qorti li tkun konvinta lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar il-htija ta' l-imputat fir-rigward ta' l-istess imputazzjonijiet.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikoli 6 u 7 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw:

*6.Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.*

*7. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:*

*(a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolmentjitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użuminnu bħal dak li soltu jsir minn mus;*

*(b) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post uċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawkil-finijiet.*

Irrizulta mill-provi li l-imputat kellu fuqu mus li gie elevat minn fuq il-persuna ta' l-imputat meta dan ittiehed il-lock up. Gie infatti spjegat li l-imputat kien f' daru u mbaghad ittiehed il-lock up fuq ordni tal-ufficjali tal-pulizija. Kien imbaghad meta ntalab mill-pulzijia tal-lock up biex inehhi kollox mill-but li huwa hareg dan il-mus in kwistjoni.

Id-difiza sahqet li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tul u kobor tal-mus in kwistjoni, izda l-Qorti hija sodisfatta mill-grad ta' prova mressqa mill-Prosekuzzjoni stante li l-istess mus gie ezebit fl-atti ta' din il-kawza u ghalhekk il-Qorti kellha l-opportunita' li tivvaluta l-kobor ta' l-istess xafra in kwistjoni.

Il-Qorti hasbet ukoll dwar dak li tghid il-ligi fejn jinghad li ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina minghajr il-licenzja apozita. Irrizulta li l-imputat ma kellu l-ebda licenzja biex igorr il-mus in kwistjoni. Madanakollu, dan il-mus kien fuq il-persuna ta' l-imputat meta dan kien gewwa daru. Huwa gie akkuzat li hareg b' dan il-mus minn god-dar tieghu fid-data partikolari ta' dan l-incident. Huwa minnu li kemm fl-istqarrija mhiex iffirmata ta' l-imputat kif ukoll mix-xhieda ta' PS 1585, saret referenza ghall-fatt li l-imputat dejjem igorr dan il-mus mieghu. Madanakollu, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u fid-dawl ta' l-imputazzjoni hekk kif migjuba fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ma tistax tqies li gew sodisfatti r-rekwiziti essenzjali biex tigi ppruvata tali imputazzjoni.

Dana ghaliex l-imputat kien fid-dar tieghu meta sehh l-allegat incident. Huwa gie ordnat li jmur mal-ufficjali tal-pulizija minn go daru stess direttament ghal gol-lock up. Il-mus instab biss wara li l-imputat ittiehed il-lock up u ntalab jizvojta l-bwiet. Ghaldaqstant, il-qorti ma tqisx li gie ppruvat li fid-data premessa, l-imputat garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu mus minghajr ma kellu licenjza jew permess minghand il-Kummissarju. L-allegat incident allegatament sehh gewwa dar u l-imputat hareg mid-dar fuq ordnijiet tal-ufficjali tal-pulizija.

**Decide**

Għaldaqstant, wara li din il-Qorti rat l-Artikoli 6, 7, 55(a) u 51(7) tal-Kap 480 kif ukoll l-Artikoli 339(1)(b), 339(1)(e), 412C u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lil Mario Galea hati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

Maġistrat Simone Grech